# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D.**

**Illum, 3 ta' Mejju 2022**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 1744/2021 fl-ismijiet:**

**Princess Holdings Limited (C 72528)**

**vs**

**Donatella Falzon KI 215284(M)**

**Rikors Revoka Numru: 18/2022 NB**

**IL-QORTI,**

Dan huwa provvediment dwar ir-rikors ippreżentat mis-sekwestrata **Donatella Falzon** fl-24 ta' Jannar 2022 li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, qed titlob illi fit-termini tal-artikoli 381 u 382 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tħassar l-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv fuq imsemmi billi tneħħi l-effetti tiegħu minn fuq is-sekwestratarju Bank of Valletta p.l.c. fir-rigward tal-kont li hija ghandha mal-istess bank sekwestratarju numru 400......043.

Ir-rikorrenti tispjega illi fl-24 ta' Gunju 2021 ġiet intavolata kontra tagħha mis-socjeta intimata Princess Holdings Limited C 72528 ittra uffiċjali numru 1523/2021 ai termini tal-Artikolu 253(e) u 256(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz tagħha ġiet interpellata tħallas is-somma ta' €1760 oltre imghax rapprezentanti tminn (8) skadenzi ta' kambjali li mmaturaw fis-sittax (16) il-gurnata ta' kull xahar minn Novembru 2020 sa Gunju 2021 liema ittra giet notifikata lir-rikorrenti fl-24 ta' Gunju 2021 (kopja annessa mar-rikors Dok DF).

Wara li ġiet notifikata, r-rikorrenti ma ħadet l-ebda passi sabiex tikkontesta t-talba magħmula fil-konfront tagħha u għalhekk l-intimata Princess Holdings Ltd ottjeniet fil-konfront tagħha titolu eżekuttiv u sussegwentement ipproċediet bis-sekwestru eżekuttiv in meritu numru 1744/2021 fejn fost is-sekwestratarji ġie inkluż il-Bank of Valletta p.l.c.

Ir-rikorrenti spjegat illi mal-Bank of Valletta plc hija għandha kont bankarju bin-numru 400......043 li fih tirċievi l-benefiċċji soċjali mid-dipartiment tas-servizzi soċjali u li b'effett tal-mandat eżekuttiv *de quo* ma tistax aktar tutilizza tali benefiċċji. Tgħid li l-benefiċċju tas-sigurta soċjali li hija intitolata għalih qed jinżamm mill-Bank of Valletta *qua* sekwestratarju u li dan imur kontra l-artikoli 381, 381(j) u 382 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Għalhekk titlob it-tħassir tal-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1744/2021 limitatament minn fuq is-sekwestratarju Bank of Valletta plc u sabiex il-Qorti tordna illi l-ammont ta' flus li huwa maqbud u li jirrapprezenta l-beneficcju socjali mahrug lilha mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u li qed jigi depozitat fil-kont bankarju taghha sudett jigi rilaxxjat.

Ir-rikorrenti esebiet ukoll *statement* tal-kont bankarju in meritu **Dok DF1** li mieghu hemm anness ukoll rendikont tal-hlasijiet effettwati mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali fl-istess kont.

**Rat id-Digriet tat-28 ta' Jannar 2022** li bih ir-rikors gie appuntat għas-smiegħ għas-seduta tal-14 ta' Frar 2022 filwaqt li s-socjeta intimata inghatat terminu ghar-risposta.

**Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Frar 2022** ma deher hadd izda l-Qorti innotat li s-socjeta intimata kienet ghadha mhux notifikata. **L-istess gara fis-seduta tal-25 ta' Frar 2022.**

**Rat illi s-socjeta intimata giet notifikata bir-rikors promutur u wieġbet ghat-talba tar-rikorrenti b'risposta tal-4 ta' Marzu 2022 (fol 31)** fejn opponiet għall-istess u ssottomettiet is-segwenti:

(1) Illi s-sekwestru odjern sar fuq kont bankarju u mhux fuq il-beneficcju socjali tar-rikorrenti.

(2) Qalet illi l-kont bankarju tar-rikorrenti huwa kont li fih jigu depozitati l-flus kollha li qalghet fil-passat ir-rikorrenti, anke meta kienet impjegata u li ma giet prezentata ebda evidenza li dan il-kont infetah specifikatament u jintuza unikament ghall-beneficcji socjali tar-rikorrenti.

(3) Ghamlet referenza ghal kazistika dwar kazijiet simili u ccitat fost ohrajn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-27 ta' Marzu 2009 – Appell Civili Numru 406/2008 fl-isimijiet **"Tabib Principali tal-Gvern vs Hazel Pannel"** fejn il-Qorti tal-Appell sostniet is-segwenti:

> *"Terga, din il-kontroversja, qajla ticcentra fil-kwestjoni li l-Qorti ghandha quddiemha. L-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru kkolpixxa f'dan il-kaz il-kont bankarju ta' l-appellanti. Dak il-kont huwa awtonomu mill-fonti tal-flejjes depozitati fih u allura, strettament l-Artikolu*

*381 tal-ligi ma jistax lanqas ikollu applikabilta. Li kieku kellu jigi ragunat mod iehor ikun ifisser illi l-ebda mandat ta' sekwestru ma jkun jista jigi servut f'idejn il-banek jew dan ikollu effett fejn il-kontijiet tad-debitur jkunu jikkonsistu minn depoziti ta' salarji, paga, pensjonijiet jew flejjesa ohra ghal liema tipprovdi l-elenkazzjoni fil-predett artikolu. Dan certament mhux dak li tghid jew trid il-ligi tant li f'din l-istess elenkazzjoni mkien ma huma annoverati d-depozitu bankarji, hu x'inhu s-sors taghhom. Mhux lecitu, allura, li kif esprimew id-decizjonijiet sucitati, il-qaghda tas-sekwestru de quo tigi estiza oltre dawk l-ezenzjonijiet partikolarment dettati f'dak l-artikolu. Isegwi anke minn dan illi dak akkampat mill-appellanti huwa sostaznjalment inaccetabbli u guridkament insosteibbli."*

(4) Sostniet illi fid-dawl tas-suespost u fid-dawl tal-interpretazzjoni f'numru ta' decizjonijiet mehuda mill-Qorti, l-kumpanija intimata ma tahti xejn ghall-fatt li l-beneficcji li tircievi r-rikorrenti qed jigu depozitati f'kont bankarju li huwa milqut mill-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru. L-artikolu 382 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa ċar, u ghalhekk hija r-rikorrenti li kellha taghmel l-arragamenti necessarji sabiex tircievi beneficcji socjali direttament mill-Awtoritajiet komptetenti u mhijiex talba illi ghandha ssir fil-konfront tal-kumpanija esponenti;

(5) Finalment qalet li d-dejn in meritu jirrisali ghal zmien ilu u t-titolu ezekuttiv li ta lok ghal dan il-mandat gie ottjenut f'Settembru 2021 u huwa inspjegabbli kif ir-rikorrenti akkumulat dan id-dejn kollu u ma haditx il-passi necessarji biex tiproteggi l-posizzjoni legali taghha umbaghad meta giet affetwata b'sekwestru ezekuttiv qed tipprova tevadi l-konsegwenzi legali naxxenti mill-istess titolu ezekuttiv kontra taghha.

**Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Marzu 2022** id-difensur tar-rikorrenti irtira seduta stante kopja tar-risposta tal-intimata filwaqt li d-difensuri qablu li r-rikors jigi differit ghat-22 ta' April 2022 ghall-provi u trattazzjoni.

**Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' April 2022:** Meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Joseph Gatt ghar-rikorrenti prezenti. Dehret ukoll Dr. Mary Gauci ghas-socjeta intimata ezekutanta Princess Holdings Limited. Xehdet ir-rikorrenti Donatella Falzon (on tape). Sar kontroezami. Sar riezami. Il-Qorti semghat trattazzjoni u r-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

***IKKUNSIDRAT***

**Illi fid-depozizzjoni taghha tat-22 ta' April 2022 ir-rikorrenti xehdet** illi hija ma taħdimx minhabba cirkostanzi ta' saħħa u biex tieħu hsieb it-tfal u li l-introjtu tagħha illum huwa biss il-benefiċċji socjali li hija tircievi bhala *single mother*. Bhala benefiċċji tircievi €400 fix-xahar u dawn jidhlu fil-kont taghha mal-Bank of Valletta. Spjegat illi fl-imsemmi kont tal-BOV apparti l-beneficcji socjali ma jidhol xejn aktar. In *kontro-ezami* tghid li ghalkemm il-kont kien ilu miftuh minn qabel, dan il-kont issa jintuza biss ghas-sigurta socjali u hekk ilu minn mindu waqfet tahdem u cioe' bejn wiehed u iehor minn meta bdiet il-pandemiija tal-Covid-19. In *ri-ezami* sostniet illi minn kemm ilu li dahal il-mandat *de quo* il-quddiem il-kont in kwistjoni intuza biss ghal beneficcji socjali.

**Rat Dok DF 1 (fol 13 *et seq*)** mnejn jidher illi f'Lulju 2021 il-kont kellu bilanc biss ta' €7.87 u li minn hemm il-quddiem fih bdew jidhlu l-beneficcji socjali tar-rikorrenti.

**Rat l-atti tal-mandat ezekuttiv numru 1744/2021 li gew prezentati fl-atti ta' dawn il-proceduri.**

Ir-rikorrenti qed titlob it-tħassir tal-effetti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv numru 1744/2021 limitatament minn fuq is-sekwestratarju Bank of Valletta plc u sabiex il-Qorti tordna illi l-ammont ta' flus li huwa maqbud u li jirrapprezenta l-beneficcju socjali mahrug lilha mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u li qed jigi depożitat fil-kont bankarju taghha sudett jigi rilaxxjat.

Fir-rikors promutur ir-rikorrenti tirreferi b'mod speċifiku ghall-artikolu 381(j) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li hija ssejjahlu bhala zvilupp importanti fis-sistema legali nostrana. Il-Qorti tinnota li permezz tal-imsemmi artikolu li ġie promulgat fid-29 ta' Ottubru 2021 bl-Att LXII tal-2021 ġie emendat l-Artikolu 381 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-sens li fost oħrajn ġie miżjud fil-lista' ta' dak li ma hux sekwestrabbli:

***"(j) kontijiet bankarji li huma użati biss u esklussivament biex jirċievu fihom depożiti skont il-paragrafi (b), (ċ) u (i). Banek li huma indikati bħala sekwestratarji f'mandat ta' sekwestru għandhom jiżguraw li dawn il-kontijiet ma jiġux milquta bl-effetti tal-istess mandat ta' sekwestru: Iżda l-banek huma obbligati li jiftħu, u jżommu miftuħa, il-kontijiet bankarji għall-għanijiet hawn fuq imsemmija".***

Il-Qorti hi tal-fehema illi bix-xhieda tagħha tat-22 ta' April 2022 u bid-dokumenti minnha preżentati mar-rikors promutur ir-rikorrenti ppruvat sodisfaċentement illi fil-kont bankarju numru 400......043 intestat f'isimha mal-Bank of Valletta plc qed jiġu depożitati mensilment mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali ammonti rappreżentanti għajnuna soċjali lilha dovuti u li l-istess kont jintuza mir-rikorrenti specifikatament sabiex fih jigu hekk depozitati l-imsemmija benefiċċji socjali.

Il-Qorti tinnota li ma gew prezentati ebda provi li s-sekwestratarju Bank of Valletta plc iddepozita xi flejjes mill-imsemmi kont bankarju taht l-Awtorita tal-Qorti permezz ta' xi ċedola ta' depożitu.

Applikati l-kunsiderazzjonijiet u artikoli tal-ligi sudetti senjatament l-artikolu 381(j) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fid-dawl tal-provi kif jirriżultaw f'dan il-każ il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ippruvat sodisfaċentement li l-provenjenza tal-flejjes depożitati fil-kont bankarju tagħha fuq imsemmi huwa dak ta' benefiċji soċjali lilha mhallsa mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali.

***DECIDE***

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mir-rikors tar-rikorrenti u r-risposta tas-socjeta' intimata billi filwaqt li tichad l-eċċezzjonijiet sollevati mis-socjeta intimata ezekutanta tilqa' t-talba tar-rikorrenti Donatella Falzon u tordna li l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv

numru 1744/2021 ma jkollux effett fuq l-ammonti depożitati mid-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali fil-kont bankarju intestat f'isem ir-rikorrenti mal-Bank of Valletta plc, kont numru 400......043.

Bl-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti illum 3ta' Mejju 2022.

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Mario Spiteri**
**Deputat Reġistratur**